MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VINCENT GALEA

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2012

Talba Numru. 79/2012

**Brian Stagno Navarra**

**Vs**

**Integrated Business Systems Limited [C-18440]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti mressqa fil-31 ta' Jannar, 2012** u li permezz taghha huwa talab lis-socjeta intimata thallasu s-somma ta' elfejn mitejn u disgha u erbghin euro u zewg centezmi ta' euro [€2,249.02] u dan wara li ppremetta hekk:

"Peress li r-rikorrent kien impjegat mas-socjeta intimata bhala *computer analyst/programmer*.

U peress illi meta r-relazzjoni ta' impjieg intemmet, is-socjeta intimata kellha thallas lir-rikorrent l-ammont ta' elfejn mitejn disgha u erbghin ewro u zewg centezmi

[€2,249.02] rapprezentanti s-salarju dovut lir-rikorrent ghax-xahar ta' Jannar, 2011.

U billi s-socjeta intimata minkejja li giet interpellata diversi drabi biex thallas dan l-ammont dovut lir-rikorrent kif hawn fuq spjegat baqghet inadempjenti.

U peress li ghalhekk is-socjeta intimata ghandha thallas is-somma ta' elfejn mitejn disgha u erbghin ewro u zewg centezmi [€2,249.02c] lir-rikorrenti.

Tghid ghalhekk is-socjeta intimata ghaliex dan it-Tribunal m'ghandux:

1) Jiddikjara li s-socjeta intimata hi debitrici tar-rikorrent fis-somma ta' elfejn mitejn disgha u erbghin ewro u zewg centezmi [€2,249.02c] ghar-ragunijiet fuq spjegati.

2) Jikkundanna lis-socjeta intimata thallas lir-rikorrent is-somma ta' elfejn mitejn disgha u erbghin ewro u zewg centezmi [€2,249.02c].

Bl-imghaxijiet mid-data tal-prezentata ta' dan l-avviz sad-data tal-effettiv pagament, inkluz dawk tal-ittra ufficjali datata 30 ta' Dicembru, 2011 annessa u markata bhala Dok. A, u bl-ispejjez".

Ra **r-risposta tas-socjeta intimata** mressqa fil-25 ta' April, 2012 u li permezz taghha hija ecceppiet hekk:

"1. Fl-ewwel lok is-socjeta konvenuta m'ghandha taghti xejn lill-attur anzi l-attur abbanduna l-impjieg tieghu mas-socjeta konvenuta waqt li kien ghadu ghaddej iz-zmien definit stipulat fil-kuntratt.

2. Minghajr pregudizzju ghall-premess u in linea sussidjarja, jinkombi fuq l-attur jipprova kif ghamel il-kalkoli tat-talba tieghu.

Bl-ispejjez kontra l-attur u b'riserva ghal kwalunkwe dritt ta' azzjoni spettanti lis-socjeta konvenuta".

Ra l-verbal datat 28 ta' Gunju, 2012, fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum;

Semgha' x-xhieda u t-trattazzjoni;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

Din il-kawza tirrigwarda talba ghal hlas ta' salarju ghax-xahar ta' Jannar, 2011 li r-rikorrenti jghid li huwa dovut lilu mis-socjeta intimata.

L-ewwel li xehed kien **ir-rikorrenti Brian Stagno Navarra**. Huwa qal li kien baqa jahdem mas-socjeta intimata sal-31 ta' Jannar, 2011. Ir-raguni l-ghala huwa ma baqax jahdem ma l-istess socjeta kienet "*... peress illi kien hemm problema ta' kas ta' pagi. Il-paga kienet tidhol tard u cioe wara li kien imissha tidhol u kienu jidhlu f'bicciet u cioe illi l-paga tidhol maqsuma fuq diversi xhur*" (fol. 14). Ir-rikorrent esebixxa dokument rilaxxat mid-*Department of Industrial Relations*, liema dokument huwa mmarkat bhala dok. BSN 1 (fol. 18), u li skond dan l-istess dokument, is-somma globali dovuta lill-istess rikorrenti hija ta' €2,249.02. Ir-rikorrent izid ighid li minkejja li huwa talab dan l-ammont lis-socjeta intimata, hija baqghet ma hallset qatt. In kontro-ezami jghid li l-kuntratt ta' mpjieg tieghu kien ghal sentejn u jerga jiggeded ghal sentejn ohra. Dwar iz-zmien meta telaq minn mas-socjeta intimata, huwa jghid li kien fi zmien ir-*renewal period*.

**Timothy Camilleri**, direttur tas-socjeta intimata xehed f'zewg okkazzjonijiet. Fl-ewwel xhieda tieghu, huwa beda biex ighid li r-rikorrenti beda jahdem mas-socjeta minnu rapprezentata f'Settembru, 2007 u waqaf jahdem fil-31 ta' Jannar, 2011. Il-kuntratt li bih kien ingaggat ir-rikorrenti kien tat-tip *definite* u kien sejjer jiskadi f'Settembru, 2011. Ix-xhud ighid li "*il-konvenut kien obbligat li jaghtina n-*

*notice ta' erbgha gimghat, fil-fatt meta avzana fil-31 ta' Jannar, 2011 li huwa ma kienx ser jibqa jahdem aktar maghna kien infurmana gimgha qabel ma effettivament telaq u mhux l-erbgha gimghat li tghid il-ligi*" (fol. 16). Minhabba li r-rikorrent ma osservax il-ligi, jghid dan ix-xhud, "*... wiehed irid inaqqas gimgha u nofs madwar sebgha mitt euro*" u "*...nghid ukoll illi peress illi hu qabad u telaq qabel iz-zmien lilna kkawzalna d-danni u ghalhekk nghid illi mhux ahna ghadna naghtuh izda hu ghandu jaghti lilna*" (fol. 16).

In kontro-ezami, r-rapprezentant tas-socjeta intimata jghid li "*... kien hemm xi xhur li kien hemm delays fil-pagamenti tal-paga*" pero jzid ighid li "*fit-tlett snin u nofs li kien ilu maghna dawn kienu ftit xhur hafna*" (fol. 16). Ghax xhud, dan il-fatt ma kienx jiggustifika li r-rikorrenti jitlaq.

Fit-tieni okkazzjoni li xehed, ix-xhud Timothy Camilleri esebixxa dokument immarkat bhala dok. TC1 (fol. 25). Dan id-dokument fih zewg kolonni. Dik ta' fuq in-naha tax-xellug hija d-data ta' meta kienet dovuta l-paga, filwaqt li dik fuq in-naha tal-lemin hija d-data ta' meta thallset l-istess paga. Ix-xhud jammetti li kien hemm xi zewg okkazzjonijiet fejn il-paga tar-rikorrenti inqasmet fuq tlett pagamenti u xi zewg okkazzjonijiet ohra li nqasmet fuq zewg pagamenti. Ghar-rigward tas-sistema ta' kif kienet tithallas il-paga, x-xhud ighid li din kienet tithallas bid-direct debit jew inkella permezz ta' *cheque*. Camilleri jghid ukoll li s-sena 2010 kienet sena difficli ghal kumpanija. Ix-xhud esebixxa ukoll dokument immarkat bhala dok. AZ2 li juri l-ammont ta' NI mhux imhallas. Huwa jammetti ukoll li hemm arrangament mall-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghar-rigward ta' arretrati tal-NI.

Ikkunsidra ulterjorment;

Permezz ta' din il-kawza, r-rikorrenti qieghed jitlob li jircievi l-paga dovuta lilu mis-socjeta intimata ghall-Jannar, 2011.

Is-socjeta intimata fl-ewwel eccezzjoni taghha tghid li hija ma ghandha taghti xejn lir-rikorrenti u dan peress li huwa

abbanduna l-impjieg tieghu waqt li kien ghadu ghaddej iz-zmien definit stipulat fil-kuntratt. Is-socjeta intimata ssostni permezz tar-rapprezentant taghha li hija ma ghandha taghti xejn lir-rikorrent u dan peress li huwa telaq minn fuq il-post tax-xoghol waqt li kien ghadu in vigore kuntratt ta' impjieg definit. F'dan ir-rigward, issir referenza ghall-kuntratt ta' impjieg datata 18 ta' Gunju, 2007 bejn ir-rikorrent u s-socjeta intimata mmarkat bhala dok. BSN2 a fol. 21. L-ewwel paragrafu ta' dan il-kuntratt ta' impjieg ighid hekk:

"*1. The Employer hereby agrees to employ the Employee for a definite specified period of 2 years who accepts employment with the Company with effect from 3rd September 2007 and it is specifically agreed that unless one (1) month prior to the expiry of the term of this contract either of the parties shall not indicate to the other that this contract should not be renewed, this contract shall be deemed to be automatically renewed for a further period of 2 years*".

Mill-provi prodotti jirrizulta li l-imsemmi kuntratt ta' impjieg reggha iggeded awtomatikament ghall-perjodu ta' sentejn mit-3 ta' Settembru, 2009 u ghalhekk ir-rikorrenti kellhu sat-2 ta' Settembru, 2009 biex jiskadi dan il-kuntratt. Gara pero, u dan skond ma jirrizulta mid-dokument esebit mir-rapprezentant tas-socjeta intimata stess (ara dok. TC 1 a fol. 25) illi l-paga mensili tar-rikorrenti rarament thallset meta kienet dovuta. Meta t-Tribunal analizza dan id-dokument, irrizulta li bejn Jannar, 2009 u Dicembru, 2010 kien hemm zewg okkazzjonijiet meta l-paga tar-rikorrent tqassmet fi tlett partijiet, zewg okkazzjonijiet ohra meta l-paga inqasmet f'zewg partijiet u f'dsatax il-okkazzjonijiet (mehudin dawn l-erba' okkazzjonijiet hawn fuq imsemmija) il-paga thallset tardivament. Dan imur kontra dak li jghid l-artikolu 22 tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta li l-paga ghandha tithallas "*... f'intervalli regolari li ma ghandhomx ikunu aktar minn erba' gimghat b'lura*". Il-proviso ta' dan l-artikolu ma japplikax ghal kaz odjern. Ghalhekk, ir-rikorrenti kien gustifikat li ma jibqax jahdem ma socjeta li ma kienitx qeghda tonora fil-hin, skond il-ligi,

dak li l-partijiet kienu ftehmu dwaru u cioe l-hlas tal-paga kull meta din tkun dovuta.

It-tieni eccezzjoni tas-socjeta intimata hija fis-sens li r-rikorrenti ghandu jipprova kif ghamel il-kalkoli tat-talba tieghu. Ir-rikorrenti esebixxa *investigation sheet* (dok. BSN1) mahduma mid-Department of Industrial Relations fejn minnha jirrizulta l-ammont dovut lir-rikorrenti, liema ammont huwa ta' €2,249.02 li huwa l-istess ammont reklamat mir-rikorrenti fit-talba odjerna. Dan l-ammont, qatt ma gie kkontestat mis-socjeta intimata u ghalhekk it-Tribunal ma jarax l-ghala ma ghandux ghalfejn jemmen li din is-somma hija rejalment dovuta lir-rikorrenti.

Ghar-rigward tat-talba verbali maghmula mir-rapprezentant tas-socjeta intimata li r-rikorrenti ghandu jhallasha tad-danni li huwa ikkagunala talli qabad u telaq minn fuq ix-xoghol qabel ma skada z-zmien tal-kuntratt ta' impjieg, it-Tribunal jara li m'ghandux jiddecidiha hu ghax ma hemmx kontro-talba f'dan is-sens apparti li hija l-fehma tat-Tribunal li r-rikorrenti kien gustifikat jitlaq minn fuq il-post tax-xoghol minhabba li l-paga dovuta lilu ma kienitx qeghda tinghatalu fil-hin.

Ghalhekk, mill-provi prodotti, jirrizulta li r-rikorrenti ghandu jircievi l-ammont minnu reklamat fit-talba odjerna u cioe l-ammont ta' elfejn mitejn u disgha u erbghin euro u zewg centezmi ta' euro (€2,249.02c).

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta intimata fejn dawn huma b'xi mod inkompatibbli ma dak hawn fuq deciz, qieghed jilqa t-talba tar-rikorrenti u jikkundanna lis-socjeta intimata sabiex thallas lir-rikorrenti is-somma ta' elfejn mitejn u disgha u erbghin euro u zewg centezmi ta' euro (€2,249.02c) bl-imghaxijiet kif mitluba.

L-ispejjez kollha ghandhom jithallsu mis-socjeta intimata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------